**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Ottubru, 2019**

Numru 1

**Rikors Nru. 64/2017**

**Carmel Borg**

**vs**

**Malta Public Transport Services (Operations) Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni maghmul min Malta Public Transport Services (Operations) Ltd mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-8 ta’ Marzu 2019;

Rat ir-risposta Carmel Borg li sostna li r-ritrattazzjoni ghandha tigi michuda kemm ghal ragunijiet procedurali u anki fil-mertu;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattand li tghid hekk:

1. Carmel Borg appella minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-23 ta’ Novembru 2017 fil-kwistjoni ta’ xoghol numru 3506/JD bejn Carmel Borg (K.I. 474558M) u Malta Public Transport Services (Operations) Ltd (C-48875), ghal dak li jirrigwarda l-kumpens li nghata.

2. Il-proceduri fl-ewwel stadju zvolgew b'dan il-mod:-
2.1. Permezz ta' rikors ipprezentat fit-Tribunal Industrijali fl-4 ta' Novembru 2016, Carmel Borg ippremetta li kien gie impjegat mas-socjetà Arriva Malta Limited bhala body repairer fuq bazi full time fit-3 ta' Gunju 2013 u wara kien gie trasferit mas-socjetà intimata mit-28 ta' Jannar 2014. Jghid li dejjem qeda dmiru tajjeb u kellu track record dixxiplinarju ezemplari. Izda fil-5 ta' Lulju 2016, inaspettatament, inhargitlu charge letter b'allegazzjonijiet ta' zewg incidenti ta' mizapropprijazzjoni ta' proprjetà tal-intimata. Jikkontendi li din l-akkuza kellha numru kbir ta' inezattezzi: (i) il-pajpijiet tal-copper li allegatament gew misapproprjati minnu ma kienu tal-copper xejn izda semplicement washers li kienu jintuzaw bhala stopgap sakemm issir il-manutenzjoni tal-airconditioners fuq il-vetturi tal-intimata; wara li ntuzaw ghal dan l-iskop, gie awtorizzat johodhom ghaliex xorta kienu se jintremew; kien hemm haddiema ohra li thallew jiehdu dawn ittip ta' washers minghajr ebda konsegwenza; (ii) inoltré, il-locker fejn instabu xi oggetti ohra ma kienx uzat minnu biss izda kien uzat ukoll minn tlett haddiem ohra; l-oggetti hemm misjuba inghatawlhom minn certu Charles Mangion sabiex ikollhom biex jahdmu fil-weekend jekk ma jkunx hemm storekeeper; u l-intimata qatt ma tat struzzjonijiet lill-impjegati taghha li dan ma setghax isir. Jghid li b'sorpriza kbira, ic-Chairperson li tqabbad jisma' l-kaz tieghu mill-intimata sabu hati izda rrakkomanda li qabel ma tinghata l-piena ssir investigazzjoni ulterjuri dwar jekk kienx inghata permess ipoggi l-oggetti fil-locker. Insegwitu, l-intimata tterminat l-impieg tieghu permezz ta' ittra datata 28 ta' Lulju 2016. Huwa appella minn din id-decizjoni skont il-ftehim kollettiv vigenti, izda l-intimata kkonfermat id-decizjoni taghha. Huwa lmenta li t-tkeccija tieghu ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi, izda kienet ingusta, sproporzjonata u diskriminatorja peress li l-intimata skartat l-evidenza kollha li kienet tiskolpah u akkaniet ruhha kontrih billi nfliggietlu l-ghola piena possibbli. Talab ghalhekk lit-Tribunal Industrijali:
'jikkunsidra u jiddeciedi dan il-kaz skont il-ligi u jiddikjara illi t-tkeccija da parti tas-socjetà konvenuta tal-esponenti mill-impieg kienet tkeccija ngusta u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjenti skont il-Ligi u jordna konsegwentement dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-Ligi inkluz l-impozizzjonijiet ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-Ligi, blispejjez kontra l-istess socjetà konvenuta.'
2.2. Is-socjetà intimata wiegbet (Fol. 17 et seq.) illi t-tkeccija tar-rikorrent saret ghal ragunijiet tajba u sufficjenti skont il-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta peress li waqt spot check instab li kien qed jipprova jiehu d-dar mieghu tlett washers u fillocker tieghu gie misjub ukoll bott fibre glass, bott filler spray u 9 maskri protettivi individwali. Tghid li ghalhakk inhargitlu charge letter fejn inghata appuntament ghas-smigh tal-kaz tieghu bid-dritt li jkun rapprezentat. Wara laqgha dixxiplinarja fil-21 ta' Lulju 2016, ic-Chairman tal-Bord Dixxiplinarju kkonkluda li r-rikorrent kien 'guilty as charged' tal-akkuzi migjuba kontrih in kwantu qies li Carles Mangion innega li kien qatt ta' permess lil xi hadd izomm proprjetà tal-kumpannija fil-locker privat tieghu u li ghal dan il-ghan kien hemm locker orangjo appozitu. In vista ta' din id-decizjoni, l-intimata ddecidiet tkecci lir-rikorrent mix-xoghol. Ir-rikorrent appella min din id-decizjoni izda hija kkonfermat id-decizjoni taghha u rregistrataha mal-JobsPlus. Tikkontendi l-process dixxiplinarju kien ekwu u gust, filwaqt li d-decizjoni taghha kienet wahda gustifikata u proporzjonata. Ghalhekk sostniet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

2.3. B'decizjoni fl-ismijiet premessi bin-numru 2499 li giet moghtija fit-23 ta' Novembru 2017, it-Tribunal Industrijali ddecieda billi:
'... ma sabx kawza gusta w sufficjenti skond il-Ligi ghad-decizjoni tattkeccija;
5.1.2 ghaldaqstant it-Tribunal jordna lis-Socjeta` li thallas lir-Rikorrent mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2017: (a) kumpens ta' elfejn, mitejn u hamsin Ewro (€ 2,250) u (b) l-ispejjez legali, skond it-tariffi ufficcjali, tar-Rikorrent;
...'

3. Minn din id-decizjoni appella r-rikorrent Carmel Borg li hassu aggravat minhabba n-nuqqas ta' motivazzjoni tal-mod kif inhadem il-quantum tal-kumpens u kif ukoll n-nuqqas evidenti u lampanti ta' tharis tal-ligi pertinenti, ossija l-Artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Is-socjetà appellata da parti taghha wiegbet li: (i) ai termini tal-Artikolu 82(3) talKap. 452, appell kontra decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali jista' jsir biss fuq punt ta' ligi, izda l-appell in dizamina ma jitrattax punt ta' dritt; u (ii) f'kull kaz u fil-mertu, l-allegazzjonijiet tal-appellant huma nfondati. Konsiderazzjoni.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-argument illi l-appell in dizamina ma jirrigwardax punt ta' dritt, l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li:
'Fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta u fil-kazi li jaqghu taht ilgurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' ligi ...'

6. Fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited (Deciza fit-28 ta' April, 2017) din il-Qorti tenniet illi:
'Ovvjament kull kaz irid jigi deciz skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Hi kwistjoni ta' fatt:
i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta hazina;
ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta ghandix taghti lok ghat-tkeccija. Sabiex jasal ghal decizjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari li jkun qieghed jiddeciedi u li jirrizultaw mill-provi.'

7. Hekk kif deciz fil-kaz Mifsud Nathania Vs Sterling Jewellers, deciz minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2016:
' ... Filwaqt li kif inghad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-principji maghrufa fil-ligi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u cioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.'

8. F'dan il-kuntest l-gurisprudenza tghallem ukoll li:
'jinsab statwit fis-subinciz (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi ddecizjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli hlief fuq punt ta' ligi. Dan il-punt ta' ligi m'hemmx ghalfejn ikun definit u deciz fis-sentenza impunjata ghax, ..., l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jghidux. Hu sufficjenti li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta nvolut jew implicitu fid-decizjoni in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju

interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta ... (Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd, Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006).

9. L-appell tal-appellant se jigi ghalhekk meqjus entro dawn il-parametri. L-ilment tal-appellant hu li t-Tribunal Industrijali ma llikwidax il-kumpens bil-mod li trid illigi. M'hemmx dubju li dak l-ilment hu punt ta' ligi gialadarba l-appellant qieghed jilmenta li t-Tribunal m'applikax il-ligi b'mod korrett.

10. L-aggravju tal-appellant huwa li ghalkemm id-decizjoni appellata kienet ben motivata ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-meritu relatat mat-tkeccija mill-impieg, it-Tribunal ma tax motivazzoni dwar il-mod kif illikwida kumpens ta' €2,500 u li dan ma jirriflettix id-dettami tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. L-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 jipprovdi kif gej:
'Meta, fuq ilment maghmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-ragunijiet ghall-ilment ikunu bbazati tajjeb –
(a) f'kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat, jew itTribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol flimpieg jew jerga' jigi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel lilment, rigward it-tkeccija:
Izda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie imkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi letà u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal talimpieg ta' dak il-haddiem'.

12. Fil-konsiderazzjonijiet tieghu, it-Tribunal qies li l-appellant kien instab hati u tkecca a bazi tas-segwenti charges:
'4.3.1 seraq peress illi zamm consumables fil-locker assenjat lilu u dan bla permess;
4.3.2 ma qalx il-verita` billi qal illi kien is-superjur tieghu li qallu biex izomm bott tal-fibre, bott ta' filler spray, u disa' maskli fil-locker tar- Rikorrent – waqt tfittxija fil-locker tar-Rikorrent illi saret fit-28 ta' Gunju 2016;
4.3.3 zamm bott tal-fibre, bott ta' filler spray, u disa' maskli fil-locker assenjat lilu minghajr permess – instabu fil-locker tar-Rikorrent fit-28 ta' Gunju 2016.'

13. Abbazi tal-provi in atti, it-Tribunal irrimarka li ghalkemm din ma kinitx ir-raguni tat-tkeccija, li r-rikorrent zbalja meta fis-27 ta' Gunju 2016 ha mieghu washers proprjetà tal-intimata. Dan in kwantu, fil-fehma tat-Tribunal, irrispettivament mill-fatt jekk: (i) it-technician tahx permess biex jehodhom; u (ii) kienux diga uzati u ghalhekk ghar-rimi, ir-rikorrent illum appellant ma kellux japproprja ruhu mill-imsemmija washers minghajr il-permess tas-superjur tieghu. Izda ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, it-Tribunal ikkonkluda li r-rikorrent ma kellux jinstab hati. Ghalkemm it-Tribunal sab li l-appellant zbalja meta fis-27 ta' Gunju 2016 ha washers minghajr il-permess tas-superjuri, pero' dik ma kinitx ir-raguni ghat-tkeccija.

14. Konsegwentement, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm kawza gusta u sufficjenti skont il-Ligi ghat-tkeccija tar-rikorrent u ffissa kumpens pagabbli lilu fis-somma ta' €2,250 wara li qies illi:

- qabel l-incident in kwistjoni, qatt ma kienet ittiehdet xi mizura kontra rrikorrent, anzi kien jahdem tajjeb;
- peress li l-intimata ssuccediet lill-kumpannija li qabilha kienet tmexxi t-Trasport Pubbliku f'Malta, ir-rikorrent huwa meqjus li kellu 37 xahar servizz bejn it-3 ta' Gunju 2013 sat-28 ta' Lulju 2016;
- ir-rikorrent kien impjegat fuq bazi full time;
- minkejja li r-rikorrent xehed li ilu jahdem fil-panel beating 43 sena, skont ir-records tal-JobsPlus l-esperjenza tieghu f' din is-sengha kienet ta' 24 sena;
- ir-rikorrent ma gab ebda prova li wara li tkecca minn mas-socjetà intimata huwa fittex b'mod attiv u assidwu xoghol alternattiv u lanqas ma ssottometta prova li m' ghamilx / mhux jaghmel xoghol ghal rasu;
- it-tkeccija saret kwazi hames snin qabel ir-rikorrent jilhaq l-età tal-irtirar.

15. L-appellant jilmenta li: - filwaqt li l-ligi talludi ghal lucrum cessans u damnum emergens, it-Tribunal ma qies xejn minn dan;
- is-somma likwidata kienet biss paga ta' xahrejn;
- jekk it-Tribunal hass li ma kellux provi bizzejjed quddiemu, meta fil-fatt kien hemm, kellu jitlob li jitressqu provi ulterjuri;
- tressqet prova inkontestata: (i) tal-qliegh li kellu l-appellant, u konsegwentement id-dhul mitluf sad-data tal-irtirar, kif ukoll (ii) li l-appellant ma kienx rega' qed jahdem minhabba kundizzjoni mentali kkawzata mit-terminazzjoni tal-impieg tieghu mal-appellata.

16. Qabel tinoltra ruhha oltre dwar ir-rizultanzi processwali tal-kaz in ezami, il-Qorti tirreferi ghal sentenza pjuttost recenti fl-ismijiet Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Limited, moghtija minnha fit- 23 ta' April, 2018, fejn inghad li:
'... Ir-rikorrent tkecca ngustament u ghandu jedd li jircievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-decizjoni hazina li ha l-principal. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kazijiet ta' tkeccija ngusta ghandhom jigu trattati b'mod differenti minn kazijiet ohra fejn l-attur ikollu jedd jippretendi d-danni. Il-ligi hi cara dwar dak li t-Tribunal ghandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qieghed jezercita d-diskrezzjoni ghandu jispjega b'mod car u li jiftiehem kif u ghalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-principal ihallas. Id-diskrezzjoni ma tfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura ghandu jedd li jippretendi t-telf li jkun sofra.
26. Ovvjament min-naha l-ohra t-Tribunal ghandu wkoll jiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi bhad-dmir tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjeta fil-kondotta li tkun wasslet ghat-tkeccija. Hawn tidhol id-diskrezzjoni. Madankollu t-Tribunal m'ghandux ifajjar cifra minghajr motivazzjoni. Hu fatt li t-Tribunal ghandu diskrezzjoni, pero' din trid tkun ezercitata b'mod ragonevoli u li taghmel sens ficcirkostanzi partikolari ta' kull kaz u d-decizjoni tkun motivata.

17. Applikat dan ghall-kaz in dizamina, jirrizulta li ghalkemm il-konsiderazzjonijiet li elenka t-Tribunal ikopru hafna mic-cirkostanzi li jirreferi ghalihom l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452, id-decizjoni appellata bl-ebda mod ma tallaccja dawk ir-rizultanzi mal-kumpens likwidat. Lanqas ma ssir referenza ghall fatt li:
- is-salarju tal-appellant skont il-kuntratt t'impieg datat Mejju 2013, kien ta' €16,000 (Fol. 23);

- matul is-sena 2015, ossija l-ahhar sena shiha li r-rikorrent hadem qabel ma gie mkecci, kellu salarju gross ta' €25,542 (Fol. 143) li minnhom €3,959.54 kienu overtime. Gew ukoll prezentati payslips (Fol. 144-147) u rendikont (Fol. 163) tal-entrojtu tar-rikorrent fl-2016. Inoltré, l-appellant xehed li kien jaqla' 'Bejn wiehed u iehor xi 22,000 fis-sena mbaghad meta spiccajt kellna l-agreement u konna zdidna imma lhaqt spiccajt jien' (Fol. 159).

18. Il-Qorti ma tifhimx kif dan kollu jikkombacja mal-kumpens likwidat mit-Tribunal. L-appellant ghandu ragun jilmenta li t-Tribunal ma ta ebda motivazzoni dwar ilmod kif illikwida l-kumpens. Apparti dan, il-Qorti ma tqisx li hemm proporzjonalità bejn il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u l-kumpens likwidat.

19. L-appellant isostni ukoll li l-kumpens likwidat ma jirriflettix id-dettami tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

20. M'hemmx dubju li l-appellant sofra telf meta tkecca ingustament mill-impieg. L-appellant tilef l-introjtu li kellu.

21. Min-naha l-ohra l-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant li ghandu jedd li jithallas danni sal-gurnata li jasal ghall-irtirar. L-appellant kellu jaghti prova li hu ghamel hiltu sabiex isib impieg alternattiv u ghal ragunijiet li m'ghandux kontroll fuqhom ma rnexxilux. L-appellant ma ressaqx prova dwar x'ghamel sabiex isib impjieg alternattiv u b'hekk inaqqas id-danni u l-hardship. Fit-28 ta' Ottubru 2017 l-appellant xehed biss illi ilu, 'sena u nofs wieqaf kemm ilhom li waqqfuni' (Fol. 149). Izda kuntrarjament ghal dak li sahaq kemm-il darba fl-appell tieghu, mhuwiex minnu li huwa ressaq prova li 'ma kienx rega qed jahdem' minhabba 'kundizzjoni mentali' 'ansjeta u dipressjoni kbira' kkawzata mit-terminazzjoni tal-impieg tieghu malappellata. Prova li f'kull kaz kellha ssir permezz ta' provi medici bhal tobba li suppost kien taht il-kura taghhom. Hu facli wkoll li persuna targumenta li ma kinitx mentalment f'postha sabiex issib impieg alternattiv minhabba depressjoni, pero' dak m'huwiex prova. Prova li f'dan il-kaz m'hemmx u li kellhom isiru quddiem it-Tribunal Industrijali.

22. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali, meqjus li l-partijiet diga kellhom opportunita' li jressqu l-provi kollha li riedu biex iressqu l-provi. Dan apparti li dawn il-proceduri diga ilhom iktar minn sentejn pendenti. Ghalhekk ser tghaddi biex tiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellant.

23. L-appellant twieled fit-2 ta' Lulju 1958, u ghaldaqstant meta f'Lulju, 2016 tkecca kellu 58 sena. Cirkostanza li ser tittiehed in konsiderazzjoni meta din il-qorti ser tillikwida l-kumpens. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li ma kellux jaghmel hiltu biex ifittex impieg iehor. Wara kollox l-appellant hi persuna li ghandha sengha b'esperjenza ta' snin twal. M'huwiex accettabbli li jsir sweeping statement li minhabba l-eta' li kellu, hadd ma kien ser jimpjegah. Jekk ma tipprovax hadd mhu ser jimpjegak.

24. Ovvjament l-uniku mod kif jigi ffissat il-kumpens hu arbitrio boni viri, in vista ta' nuqqas ta' provi.

25. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi kollha l-qorti qeghda tilliwida ssomma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-eta' tieghu sabiex isib impieg alternattiv fi zmien qasir minn meta tkecca. Cifra li tirrifletti iktar ir-realta' mis-somma mizera li llikwida t-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-23 ta' Novembru, 2017 fis-sens li minflok tikkundanna lis-socjeta' appellata thallas lill-appellant ssomma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) bl-imghax mil-lum. Spejjez a karigu tal-appellata.

**Ikkunsidrat**

Dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni qed isir a bazi tla-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;
> ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

Ir-ritrattand qed jissottometti illi l-Qorti tal-Appell Inferjuri applikat hazin il-provvediment tal-ligi 82(3) tal-Kap. 452 peress illi kwistjonijiet dwar ghoti ta' danni jaqghu fil-poter tat-Tribunal Industrijali skont l-artikolu 81(2)(a) u mhux fdat f'idejn il-Qorti tal-Appell. Jekk il-Qorti tal-Appell sabet, kif fil-fatt sabet, li kien hemm punt ta' ligi rigward il-mod kif it-Tribunal ikkomputa d-danni misthoqqha lir-ritrattat, kellu jibghat l-atti lura lit-Tribunal skont il-precitat artikolu 81(2)(a) biex jilikwida tali danni. Din minn dejjem kient il-prassi ghax il-Qorti tal-Appell tiddermina punt ta' ligi biss mhux punt ta' fatt fejn trid issir evalwazzjoni tal-fatti biex jigi likwidat il-kumpens.

Ir-ritrattat fl-ewwel lok ghamel eccezzjonijiet preliminari li ser jigu decizi l-ewwel.

**Eccezzjoni li r-rikors ta' ritrattazzjoni sar f'kawza li hi res judicata mhux skont ma jrid l-artikolu 811 tal-Kap. 12**

Il-Qorti ma fehmitx din l-eccezzjoni fejn ser twassal lir-ritrattat. Ir-ritrattand ipprezenta rikors akkompanjat mill-kawtela kif irid l-artikolu 815 tal-Kap. 12. L-

okkju jirrifletti l-okkju tal-appell li minnu qed issir it-talba ghar-ritrattazzjoni bit-talbiet kif trid l-istess ligi.
Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni li l-ewwel talba hi irritwali ghax talba ghal sospensjoni tal-esekuzzjoni trid issir b'rikors ad hoc mhux parti mir-rikors ghal ritrattazzjoni**
Din l-eccezzjoni fiha mis-sewwa ghar-raguni biss li l-artikolu 823(2)(a) jitlob li mat-talba tinghata garanzija ghall-esekuzzjoni tas-sentenza li minnha qed issir ir-ritrattazzjoni u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' din it-talba hekk kif maghmula.

**Mertu**
Dan hu rikors ta' ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Il-principji fundamentali li jirregolaw dan l-istitut huma li dan hu mezz eccezzjonali u straordinarju u ma huwiex intiz li jservi ta' appell tat-tielet istanza. Ghalhekk ir-ragunijiet moghtija mill-artikolu 811 ghal ritrattazzjoni huma ezawrjenti u ghandhom jigu interpretati restrittivament billi huma ragunijiet li jikkostitwixxu deroga mill-principju res judicata pro veritate habetur. Talba ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu specifiku invokat cioe 811(e) jimplika applikazzjoni hazin tal-ligi, cioe applikazzjoni ta' provvediment flok iehor imma ma hemmx applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi fejn qed tinghata interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli. Ma hemm ebda applikazzjoni hazina tal-ligi meta tkun qamet kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-ligi li trid tigi applikata u l-Qorti tkun espressament tat decizjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li fis-sentenza impunjata giet applikata l-ligi hazina ghal kaz u mhux li giet applikata il-ligi tajba b'mod hazin.

Il-Qorti issib li meghjuna b'dawn il-principji, ir-rikors tar-ritrattand ifalli. Fl-ewwel lok dak li qed jissottometti r-ritrattand mhuwiex li giet applikata ligi hazina ghax il-ligi u l-artikolu rilevanti applikabbli huma dawk esplicitament msemmija mill-Qorti tal-Appell. Dak li ghamlet il-Qorti tal-Appell Inferjuri, kuntrarjament ghal dak allegat mir-ritrattand hu li interpretat l-artikolu rilevanti cioe l-artikolu

81(2)(a) fejn it-Tribunal hu moghti s-setgha bil-ligi jillikwida kumpens u l-artikolu 82(3) fejn il-Qorti tal-Appell ghandha jedd tisma appelli fuq punti ta' ligi. Ma hux kontestat li l-mod kif it-Tribunal illikwida d-danni hu punt ta' ligi ghax fil-fehma tal-Qorti tal-Appell dan ma kienx jirrispekkja fedelment l-artikolu 81(2)(a). Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha esprimiet il-fehma li ma kellha ebda obbligu tirrimetti lura l-atti lit-Tribunal la darba t-Tribunal kien illikwida danni izda mhux kif irid l-artikolu 81(2)(a) skont il-fatti stabbiliti. Il-Qorti tal-Appell li ghandha l-poteri kollha moghtija bil-Kap. 12, a bazi tal-artikolu 233(1) waslet hi biex tillikwida d-danni jew kumpens gust fic-cirkostanzi kif kellha dritt li taghmel skont il-ligi tal-procedura u fejn dan mhux espressament eskluz mill-Kap. 452 fl-artikoli fuq imsemmija. Ma hemm ghalhekk ebda applikazzjoni hazina tal-ligi izda interpretazzjoni tal-artikoli rilevanti li fuqhom ma hemmx disputa. Ghal kompletezza l-Qorti tiddikjara li taqbel mar-ragunament u interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri u fic-cirkostanzi idoneji, la darba l-appell isir fuq punt ta' ligi, kwistjonijiet dwar likwidazzjoni ta' danni, jekk huma aggravji fl-appell innifsu jistghu jigu likwidati mill-Qorti tal-Appell jekk jidhrilha xieraq a bazi tal-artikolu 233 tal-Kap. 12.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-8 ta' Marzu 2019, tichad it-talba tar-ritrattand ghal ritrattazzjoni tal-vertenza, spejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur